

Mhix diffiċli taqbad u tgħin

Kultant nistaqsu lilna nfusna aħniex qed nagħtu valur lil haġġitna. Inkunu qed ngħixu kif nixtiequ, sejr in tajjeb l-iskola jew ix-xogħol, haġġitna mimlija ħbieb, kumditajiet u ġid. Imma jaf jiġik ħsieb frasek, forsi meta tara li madwarek hemm realtajiet differenti, fejn hemm nies li m'għandhomx l-istess xorti bħalek. Tħares fil-qrib jew fil-bogħod, fiċ-ċokon jew fil-kobor, tarahom dejjem u kullimkien: il-ġara li mhix qed tlaħħaq mal-ħajja, il-persuni fl-istituti li għandhom bżonn għajnuna speċifika, il-batuti madwar id-dinja jiġġieldu għal ħajja aktar dinjituża.

Dan il-ħsieb iberren f'moħħ eluf kbar ta' persuni, tant li l-UE dehrilha li l-2011 kellha tkun is-Sena Ewropea tal-Volontarjat. Il-politika u l-istrutturi tas-soċjetà qegħdin hemm biex jagħmlulna haġġitna aħjar u jtaffu t-tbatija, imma hemm bosta każijiet fejn lanqas dawn l-isforzi ma jwasslu. U l-volontarjat hawn jidħol: il-qawwa ta' nies ta' rieda tajba li jaħsbu f'ħaddieħor, u jaħdmu mingħajr interessi ulterjuri biex jegħlbu l-iżvantaġġi li strutturi oħra ma jirnexxilhomx ivinċu.

Il-volontarjat jista' wkoll jitqies bħala l-pass li bih il-bniedem jixref lil hinn mill-kumdità tiegħu sabiex jesperjenza kif l-oħrajn qed jgħixu d-dinja. Ifisser li ninzġu mill-fehma li l-mod kif ngħixu — fil-familja, fis-soċjetà, jew fil-parti tad-dinja partikolari tagħna — huwa qagħda universali, komuni għal kulħadd, u naslu biex nifhmu li l-ħajja taf tmis lil ħaddieħor xort'oħra, u li fi dmirna nagħtu mill-ħafna li għandna sabiex intejbu l-eżistenza ta' min forsi ma kellux l-istess ċirkostanzi ffortunati tagħna.

Il-volontarjat ifisser ukoll impenn, forsi anki tbatija u skariġġ. Imur lil hinn mis-sempliċi karità, fejn iddaħħal idek fil-but u tkompli sejjer. Ifisser li dak li jkun jidħol b'ruħu u ġismu biex jgħix ma' realtajiet differenti minn tiegħu, jitgħallem iġarrab dak li jġarrbu l-oħrajn u, fl-aħħar nett, jaħdem attivament biex itejjeb dawn il-qagħdijiet.

Ma hemmx bżonn li wieħed jagħmel affarijiet straordinarji biex iwettaq il-volontarjat. Filwaqt li Antoine qatagħha li jmur jgħallem l-Ingliż frahal imbiegħed fl-Indja, Claire iddeċidiet li tmur tagħti daqqa t'id lis-sorijiet fl-istitut f'it toroq 'il bogħod. U Janice bdiet titħarreġ għaliex daqt geġja l-maratona tal-volibol biex tiġbor il-flus għall-istitut tal-persuni b'diżabbiltà. Hemm bosta modi kif wieħed jista' jgħin lil għajru, u tiskanta kemm, jekk wieħed ifittex, isib okkażjonijiet biex ikun ta' ġid għall-oħrajn.